MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 714/2013

Borg **Paul**

**Vs**

**Coleiro Carmen**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta’ Novembru, 2013 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta ghandha tigi kkundannata sabiex thallas l-ammont globali ta’ elf, tliet mija u tmienja u hamsin ewro (€1,358.00), in kwantu ghal elf, tliet mija u tletin ewro (€1,330.00), rapprezentanti arretrati ta’ kera pagabbli mensilment fl-ammont ta’ mija u disghin ewro (€190.00) refiribbli ghal-lokazjoni tal-fond 13, ‘The Meadows’, Triq l-Alka, Bugibba, u dan ghax-xhur ta’ Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2012) sa Dicembru tas-sena 2012, liema obbligu kien gie pattwit fil-klawzola ‘a’ tal-iskrittura lokatizja datata tmienja u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elfejn u hdax (28.11.2011) kopja ta’ liema hija hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dok.PB 1’, u in kwantu ghal tmienja u ghoxrin Ewro (€28.00) rapprezenttanti l-ispejjez relatati mat-

tindif tal-partijiet komuni relattiv, u dan a tenur tal-klawzola ‘o’ tal-imsemmija skrittura, liema kirja giet terminate intempestivament mill-konvenuta permezz ta’ ittra mibghutha f’Mejju tas-sena 2012, kopja ta’ liema hija hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dok PB2.’

Bl-ispejez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont reklamat fl-intier tieghu kontra l-konvenuta li hi, minn issa, ngunta ghas-subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata ma pprezentatx risposta. Dehret fis-seduta tas-7 ta’ Frar, 2014 u nghatat zmien biex tirrispondi pero dehret fis-seduta tat-18 ta’ Frar, 2014 u rregistrat ammissjoni.

It-Tribunal wara li semgha l-konvenuta huwa tal-fehma illi t-talba attrici giet pjonament ippruvata u ghalhekk jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elf mija tmienja u hamsin ewro (€1,358) lil attur. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------